25 ta' Novembru 2024

Kumitat Permanenti għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika
Parlament ta' Malta

Sur President,
Għeżież Membri,

L-ewwel u qabel kollox nixtieq nirringrazzja lill-Prim Imħallef Emeritu Dr Joseph Azzopardi tax-xogħol tiegħu u nilqa' r-rapport tal-imsemmi Kummissarju kif ukoll id-deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika li adotta l-istess rapport.

Dan ir-rapport ġie adottat b'mod unanimu fil-laqgħa tal-Ħamis 21 ta' Novembru 2024, u f'dan ir-rigward qiegħed nieħu l-opportunità li tajtuni sabiex nagħmel is-sottomissjonijiet tiegħi.

Ippermettuli nibda billi nelenka r-rakkomondazzjonijiet, li kienu dawn li ġejjin:

L-ewwel rakkomondazzjoni kienet li l-Kumitat jirrilaxxa dan ir-rapport kemm jistajkun malajr fl-interess tat-trasparenza. Din ir-rakomandazzjoni diġa ġiet implimentata meta l-Kumitat awtorizza l-pubblikazzjoni fis-7 ta' Novembru 2024.

It-tieni rakkomandazzjoni hija li l-Kumitat jirreferi r-rapport lis-Segretarju Permanenti Ewlieni bil-għan li l-Manual on Resourcing Policies and Procedures jiġi rivedut kif propost fl-istess rapport. Din hija rakkomandazzjoni li dwarha diġa saru dikjarazzjonijiet pubbliċi u hemm impenn mill-Gvern biex titwettaq ukoll. Fil-fatt tajjeb wieħed jinnota li dan il-manwal diġa sarulu diversi bidliet fix-xhur u s-snin li għaddew, iżda nemmen li issa wasal il-waqt li jsiru l-emendi neċessarji.

Jidher ċar ukoll li fl-ebda waħda minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ma tagħmel referenza għall-pulizija jew proċeduri kriminali. Infatti, fl-ebda ħin il-Kummissarju għall-iStandards ma ressaq rapport mal-pulizija eżekuttiva jew mal-Avukat Ġenerali.

Li kieku sab imqar indikazzjoni, ta' "frodi" jew "misappropriazzjoni" kien ikun marbut bil-liġi li jirraporta dan il-każ, skont ma jipprovdi l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, Kap 570 Artiklu 22 (6).

L-adozzjoni ta' dan ir-rapport fissret ukoll li l-Membri tal-Kumitat miż-żewġ naħat tal-Kamra qegħdin jaqblu li l-manwal tal-ingaġġ ma nkiser fl-ebda ħin u fl-ebda parti tar-rapport ma jissemmew il-kliem "frodi" jew "*phantom job*." Kliem li ilhom jintużaw min esponenti politiċi għal dawn l-aħħar ġimgħat biex jippruvaw jagħtu spin differenti minn dak li nkiteb fir-rapport. Madakollu issa dan ġie addottat, u għaldaqstant qegħdin iwaqqgħu dak kollu li qalu qabel. Għaliex ovvjament, waħda ma treġiex mal-oħra.

Wara li ħareġ ir-rapport tal-Kummissarju għall-iStandards ma kelli ebda problema nitlob apoloġija. Din offrejtha bl-aktar mod sinċier. Intenni li jiena ser ikun qiegħed naċċetta kwalunke deċiżjoni jew sanzjoni li tingħata minn dan il-Kumitat. Hekk titlob l-irġulija.

Mhux biss. Hekk ukoll titlob is-saltna tad-dritt, ikunu xi jkunu l-konsegwenzi fuqi u fuq familti u jkunu xi jkunu l-fehmiet personali tieghi fuq din id-deċiżjoni.

Inkun grat lejn il-Kumitat li jagħżel li jippubblika dawn is-sottomissjonijiet fl-aħħar tal-laqgħa.

Nirringrazzjakom tal-ħidma tagħkom.

Tislijiet,

Clayton Bartolo